"IR-RIĊERKA HI L-BAŻI TA' KULL INNOVAZZJONI"

Il-Fond tar-Riċerka tal-Università ta' Malta (RIDT - www.ridt.eu) jattira fondi mingħand setturi varji tas-soċjetà Maltija biex tiżdied l-attività ta' riċerka fl-Università

"Ir-riċerka hi importanti għal kull Università serja u għal kull pajjiż modern, żgħir jew kbir. Dan għaliex ir-riċerka hi l-bażi ta' kull innovazzjoni. Minħajr riċerka, il-pajjiż jibqa' jiddependi fuq dak li jagħmel ħaddieħor u allura jkun dgħajjef quddiem l-isfidi li jiffaċċja minn żmien għal żmien. Pajjiżna, anke jekk żgħir, għandu rwol fl-iżvilupp globali, u dan jista' jsir permezz tar-riċerka."

Kien il-Kap Eżekuttiv tal-Fond ta' Riċerka tal-Università ta' Malta (RIDT) Wilfred Kenely li qal dan waqt intervista li saritlu mit-TORĊA.

Huwa qal li l-Fond tar-Riċerka, li hu kunċett ġdid għal Malta, twaqqaf biex jgħin lill-Università żżid l-attività ta' riċerka tagħha, billi tattira fondi mingħand setturi varji tas-soċjetà Maltija, liema riċerka twassal biex iżjed persuni jkomplu l-istudju tagħhom f'Malta u jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi tal-ġejjieni, bħal mard, sfidi ambjentali u problemi oħrajn li, ftit jew ħafna, huma partikulari għal Malta.

Kenely iżda qal li r-riċerka tiswa ħafna flus u hemm bżonn ta' iżjed fondi biex jinxtara aktar materjal għar-riċerka u biex ikunu impjegati aktar riċerkaturi. Kien f'dan il-waqt li għamel referenza għal-laboratorji u apparat ieħor li jintuża fir-riċerka u qal li l-Università ta' Malta, permezz tal-Fondi Ewropej, illum għandha infrastruttura moderna, li biha din ir-riċerka tista' ssir.

"Apparti minn dawn l-affarijiet tanġibbli," żied jgħid il-Kap Eżekuttiv ta' RIDT, "jeħtieġ li aktar żgħażagħ jinteressaw ruħhom fix-xjenza biex jikber in-numru ta' nies li jaħdmu direttament fir-riċerka."

Konxju mir-realtà li l-Università ta' Malta hi nieqsa mill-fondi għar-riċerka, minkejja li qed jirnexxielha iżżid din l-attività, Kenely qal li għadna 'l bogħod mill-miri, anke dawk stabbiliti mill-Unjoni Ewropea (UE).

Kompla billi qal li l-allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern għal dan il-għan hi waħda baxxa u jittama li din tiżdied fiż-żmien li ġej.

Meta mistoqsi b'liema modi entitajiet pubbliċi u privati jistgħu jgħinu għal dan il-għan, Wilfred Kenely semma l-kunċett tal-Corporate Social Responsibility (CSR) fejn kumpaniji jagħżlu li jgħinu kawża partikolari permezz ta' donazzjonijiet li jsiru u permezz ta' attivitajiet li jorganizzaw.

Filwaqt li qal li l-RIDT qed jaħdem ma' bosta entitajiet pubbliċi u privati, żied li għandha tiżdied ir-riċerka fil-lista ta' dawn il-kawżi.

Spjega li llum għandna sitwazzjoni fejn NGOs qed jiffinanzjaw tliet boroż ta' studju fil-livell ta' dottorat fil-qasam tar-riċerka tal-kanċer. Bis-saħħa tagħhom, tliet żgħażagħ qed jispeċjalizzaw f'din it-tip ta' riċerka.

"B'hekk inkunu qed inżidu n-numru ta' riċerkaturi f'dan il-qasam. Każ ieħor hu l-Mobile Dental Clinic illi kienet inawgurata aktar kmieni din is-sena. Klinika mgħammra b'kull ma hemm bżonn li qed tmur minn post għall-ieħor f'Malta biex tagħti pariri, tagħmel *check-ups* u tiġbor tagħrif xjentifiku dwar l-istat tal-kura orali tal-popolazzjoni. Dan ittrakk mibdul fi klinika, li sewa madwar €130,000, kien iffinanzjat kollu kemm hu mill-industrija permezz tal-RIDT."

Sadanittant, matul ix-xahar li għadda, il-Malta Community Chest Fund (MCCF) tat donazzjoni ta' €38,000 lil RIDT għal riċerka fil-mard tal-għadam jiġifieri l-ostjoporożi. Ma setax jonqos li nistaqsuh dwar dan.

Kenely jgħid li din kienet waħda mill-isbaħ donazzjonijiet li RIDT ingħata s'issa, mhux tant għall-ammont iżda għas-sinjifikat hekk kif l-MCCF illum jirrikonoxxi li, filwaqt li għandu jgħin lil min għandu bżonn fl-immedjat (bħal kura għall-mard serju eċċ), għandu wkoll jinvesti biex jinstabu soluzzjonijiet fit-tul permezz tar-riċerka.

Qal li l-Università ta' Malta diġà kienet bdiet din ir-riċerka li tħares lejn l-aspetti ġenetiċi ta' din il-kundizzjoni fl-għadam, b'mod partikolari fin-nisa.

Huwa kkalkulat, qal Kenely, li madwar 20% tan-nisa fuq il-50 sena u madwar 6% tal-irġiel ibatu minn din il-kundizzjoni li ħafna drabi tagħmlilhom ħajjithom infern. Qal ukoll li dawn innies jistgħu jibbenefikaw mir-riżultati tar-riċerka li għaddejja u li issa se titkompla permezz ta' din id-donazzjoni.

Dan il-ġurnal staqsa wkoll jekk huwiex minnu li r-riċerki fil-qasam tas-saħħa humiex qegħdin jattiraw aktar fondi. Il-Kap Eżekuttiv ta' RIDT qal, "Iva, hu aktar faċli tikkonvinċi lil xi ħadd jagħti flus għal riċerka relatata ma' mard milli għal ħaġa oħra. U dan hu fenomenu li ma jinstabx Malta biss. Hu naturali ħafna li min se jagħti flus se jfittex li tinstab soluzzjoni għall-mard li jista' jilħaq lilu jew

A CHRISTMAS GIFT
THEY'RE SURE TO LOVE

The Mdina Cathedral Contemporary Art Biennale is being held between 13 November 2015 and 7 January 2016 in the historic Medieval-Baroque citadel

It will establish a spiritual creative forum for international artists, musicians, performers and writers, whose contributions will focus around the Mdina Biennale's theme 'Christianity, Spirituality and the Other'. The theme will be explored from various aspects and will investigate the issue of faith and its relevance to contemporary society. It will create a stimulating modern environment, in which different works of art by artists from diverse cultural backgrounds are displayed together. The Mdina Biennale traces its roots back to the previous Christian and Sacred Art Biennale of the 1990s, and the 2015 edition will radically widen its creative spectrum. The idea that all art is spiritual remains the central concept. This thematic approach is profoundly important for a complete appreciation and understanding of the event. It plays a central role in the concept of the Artistic Director, Dr. Giuseppe Schembri Bonaci.



HORIZONS To order send the below form to Horizons, Triq l-Iskultur, Hal Qormi QRM3580
www.horizons.com.mt • Horizons Malta

ORDER FORM
I would like to buy ____ copy/ies of the hard bound book, 'The Mdina Cathedral Contemporary Art Biennale' at the price of €40 each (including registered mail).
I am enclosing a cheque of €..... payable to Horizons.
Name & Surname ..... Telephone .....
Address .....
..... Postal Code .....
The book will be delivered by registered post to the address above